MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Numru 1170/2008

**Carmel Casapinta (ID 214152M) bhala mandatarju specjali,**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta' ibnu Christopher Casapinta**
**(ID 462477M), assenti minn dawn il-gzejjer**
**vs**
**Aedes Company Limited (C32624)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fl-24 ta' Novembru, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. Illi ai termini ta' konvenju datat 11 ta' Awissu 2006 (anness Dok. CC1), is-socjetà konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi a favur ta' l-attur nomine, li minn naha tieghu accetta u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista minghandha, is-segwenti:

A. L-appartament internament numerat erbgha (4), formanti parti minn blokk ta' appartamenti li ghandu jkun maghruf bhala "The Lillies" fi Triq il-Wasliet, kantuniera ma' Triq il-Gogi, Swieqi, u liema blokk kien intiz illi jinbena fuq l-art già okkupata minn dar bin-numru ufficjali sebgha u hamsin (57) già erbatax (14) fi Triq il-Wasliet kantuniera ma' Triq il-Gogi, Swieqi. L-imsemmi appartament jinsab fil-*first (1st) floor* level tal-blokk ossia it-tielet (3) livell ta'bini ta' l-izvilupp inkluz is-semi-basement u l-livell ta' *groundfloor* u huwa ahjar deskritt fl-istess konvenju u jgawdi, u fl-istess hin huwa soggett, ghad-drittijiet indikati fl-imsemmi konvenju.

U

B. Il-garage internament numerat sitta (6) formanti parti minn *garage complex* formanti parti mill-fuq imsemmi blokk, accessibbli minn entrata, rampa u drive komuni li jaghtu ghal fuq Triq il-Gogi. L-imsemmi garage huwa ahjar deskritt fl-istess konvenju u jgawdi, u fl-istess hin huwa soggett, ghad-drittijiet indikati fl-imsemmi konvenju.

U dana verso l-prezz u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju.

2. Illi l-attur nomine u s-socjetà konvenuta iffirmaw "Completion Agreement" datat 11 ta' Awissu 2006 (anness Dok. CC2) in konnessjoni ma' xogholijiet ta' *finishing* li kellhom jitwettqu da parti tas-socjetà konvenuta fl-appartament u *garage* hawn fuq deskritti;

3. Illi l-attur nomine, in konnessjoni mal-fuq imsemmija konvenju u "Completion Agreement" hallas lis-socjetà konvenuta somma globali fl-ammont ta' hmistax-il elf tliet mija tlieta u sebg]in euro u sitta u tmenin centezmu (€15,373.86) rapprezentanti, in kwantu ghal ghaxart elef erba' mija tnejn u tmenin euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18), pagamenti akkont tal-prezz stipulat fl-imsemmi konvenju u in kwantu ghal erbat elef tmien mija wiehed u disghin euro u tmienja u sittin centezmu (€4,891.68) rapprezentanti pagamenti akkont tal-

konsiderazzjoni stipulata fil-“Completion Agreement”. Dana kollu jirrizulta mill-annessi dokumenti CC1 u CC2;

4. Illi t-terminu stipulat fl-imsemmi konvenju datat 11 ta’ Awissu 2006 skada inutilment u ghaldaqstant, l-attur nomine huwa llum intitolat li jitlob ir-rifuzjoni minghand is-socjetà konvenuta tal-pagamenti akkont maghmula a favur taghha kif premess f’ammont komplessiv ta’ hmistax-il elf tliet mija tlieta u sebghin euro u sitta u tmenin centezmu (€15,373.86);

5. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-istess attur nomine jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess attur nomine, is-socjetà konvenuta m’ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont;

6. Illi ghalkemm is-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx;

7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-attur nomine personalment;

Talab ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta’ hmistax-il elf tliet mija tlieta u sebghin euro u sitta u tmenin centezmu (€15,373.86) rapprezentanti, in kwantu ghal ghaxart elef erba’ mija tnejn u tmenin euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18), pagamenti akkont tal-prezz stipulat fil-konvenju datat 11 ta’ Awissu 2006 (anness Dok. CC1) u in kwantu ghal

erbat elef tmien mija wiehed u disghin euro u tmienja u sittin centezmu (€4,891.68) rapprezentanti pagamenti akkont tal-konsiderazzjoni stipulata fil-"Completion Agreement" (anness Dok. CC2);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni kontestwalment prezentati, oltre l-imghaxijiet legali sal jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u il-lista tax-xhieda tal-attur nomine u d-dokumenti l-ohra;

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Semghet lil Dr Aldo Vella, ghall-attur, jiddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu dovut;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine is-somma ta' hmistax-il elf tliet mija tlieta u sebghin euro u sitta u tmenin centezmu (€15,373.86) rapprezentanti, in kwantu ghal ghaxart elef erba' mija tnejn u tmenin euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18), pagamenti akkont tal-prezz stipulat fil-konvenju datat 11 ta' Awissu 2006 (anness Dok. CC1) u in kwantu ghal erbat elef tmien mija wiehed u disghin euro u tmienja u sittin centezmu (€4,891.68) rapprezentanti pagamenti akkont tal-konsiderazzjoni stipulata fil-"Completion Agreement" (anness Dok. CC2)

dovuta kif inghad; bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------